MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 100/2015

**Customs & Freight Agency Limited**

**(C 17475)**

**vs**

**Clareman Import Export Limited**

**(C 59064)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Marzu 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef, disgha mija u sitting Euro u tnax-il centezmu (€4,960.12) rapprezentanti servizzi moghtija lilha kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datat 4 ta’ Frar 2015 u bl-imghax mid-data ta’ l-Ittra Ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ intimata li hija ingunta in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fl-14 ta’ Mejju 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Mosta u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Mosta (fol 10 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta’ Gunju 2015 (fol 11) u fil- Malta Independent fit 30 ta’ Gunju 2015 (fol 17).

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2015 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 21).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Lulju 2015 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disgha mija u sitting Euro u tnax-il centezmu (€4,960.12) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------